MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1152/2005

**Paul u Annie konjugi Mizzi**

**Vs**

**Nicholas sive Lino Magro u martu**
**Maria Magro**

## It-Tribunal

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta’ mija u tnejn u sebghin lira Maltin (Lm172) rapprezentanti hlas ta’ danni kkagunati volontarjament mill-konvenut Nicholas sive Lino Magro fil-vettura ta’ l-istess attur bin-numru ta’ registrazzjoni S 5316, oltre danni ohrajn konsegwenzjali.
Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-Ittri Ufficjali datati 4 ta’ Lulju, 1994, 3 ta’ Lulju, 1998, 30 ta’ Gunju, 2000, u tal-Mandat ta’ Qbid ipprezentat fid-9 ta’ Gunju, 1994, u bl-

imghax legali dekoribbli mill-4 ta’ Lulju, 1994, kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra illi l-konvenuti, debitament notifikati, ma kkontestawx it-talba attrici.

Sema’ lill-attur jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta’ mija u tnejn u sebghin lira Maltin (Lm172) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------